

- tikkundanna lill-EUIPO u l-applikant għal trade mark Komunitarja li jħallsu l-ispejjeż tagħhom u dawk tal-applikant għall-annullament f'kull stadju tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u tal-appell, inklużi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(5)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tal-Artikolu 65(6) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

#### **Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2016 – Michal Wieromiejczyk vs EUIPO (Tasty Puff)**

(**Kawża T-64/16**)

(2016/C 111/47)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### **Partijiet**

Rikorrent: Michał Wieromiejczyk (Pabianice, il-Polonja) (rappreżentanti: R. Rumpel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali “Tasty Puff” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 072 061*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 3058/2014-5*

#### **Talbiex**

- tiddikjara r-rikors bħala fondat;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- temenda d-deċiżjoni kkontestata billi tordna lill-EUIPO li jagħti d-dritt għal Trade mark Nru 13072061 “Tasty Puff”;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - Ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

#### **Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2016 – fleur ami vs EUIPO – 8 Seasons Design (Lampi)**

(**Kawża T-67/16**)

(2016/C 111/48)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: fleur ami GmbH (Willich, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Potthoff, avukat)